



SKEDA INFORMATTIVA

Brussell, 29 ta' April 2014

Miżuri restrittivi tal-UE

Is-sanzjonijiet huma għodda waħda tal-UE sabiex tippromwovi l-oġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK): il-paċi, d-demokrazija u r-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. Huma dejjem parti minn approċċ ta' politika komprensiva li tinvolvi d-djalogu politiku u sforzi komplementari.

Is-sanzjonijiet tal-UE mhumie x punittivi, iżda mfassla sabiex iwasslu għal bidla fil-politika jew attività mill-pajjiż, l-entitajiet jew individwi fil-mira. Għalhekk il-miżuri huma dejjem immirati lejn tali politiki jew attivitajiet, il-mezzi li jitwettqu bihom u dawk responsabbli għalihom. Fl-istess ħin, l-UE tagħmel kull sforz biex timminimizza l-konsegwenzi avversi fuq il-popolazzjoni ċivili jew fuq attivitajiet leġittimi.

L-UE timplimenta s-sanzjonijiet kollha imposti min-NU. Barra minn hekk, l-UE tista' tirrinforza s-sanzjonijiet tan-NU billi tapplika miżuri aktar iebes u addizzjonali. Fl-aħħarnett, fejn l-UE tqis meħtieġ, hi tista' tiddeċiedi li timponi sanzjonijiet awtonomi.

Adozzjoni u dħul fis-seħħ

Il-Kunsill jimponi miżuri restrittivi tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill PESK adottata b'unanimità. Filwaqt li din id-Deċiżjoni jkun fiha l-miżuri kollha imposti, tista' tkun meħtieġa leġislazzjoni addizzjonali biex tagħti effett sħiħ legali lis-sanzjonijiet.

Ċerti sanzjonijiet, bħall-embargo fuq l-armi u l-projbizzjonijiet fuq vjaġġar, huma implimentati direttament mill-Istati Membri. Miżuri bħal dawn jeħtieġu biss deċiżjoni mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni hija direttament vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE.

Miżuri ekonomiċi, pereżempju l-iffriżar ta' assi u l-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni u għalhekk jeħtieġu leġislazzjoni separata ta' implimentazzjoni fil-forma ta' regolament tal-Kunsill, li huwa direttament vinkolanti fuq iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE. Ir-Regolament, adottat abbażi ta' proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, fih id-dettalji dwar il-portata preċiża tal-miżuri deċiżi mill-Kunsill u l-implimentazzjoni tagħhom. Normalment ir-regolament jidhul fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

P R E S S

Miżuri frekwenti

- Embargo fuq l-armi

Embargo fuq l-armi normalment ikopri l-bejgħ, il-provvista, it-trasport tal-oġġetti inklużi fil-lista militari komuni tal-UE (ara l-aħħar [lista militari komuni tal-UE](#)). Assistenza teknika u finanzjarja relatata hija normalment inkluża fil-projbizzjoni.

Barra minn hekk, l-esportazzjoni tat-tagħmir użat għal ripressjoni interna tista' tiġi pprojbita, jiġifieri tagħmir tal-pulizija mhux kopert mil-lista militari komuni tal-UE. Xi Eżempji: vetturi mgħammra b'kanuni tal-ilma, vetturi tat-trasport għall-priġunieri, fildiferru tal-ingiegeż u elmi u tarki għal kontra l-irvellijiet.

Il-Kunsill jista' wkoll jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju għal pajjiżi mmirati, jiġifieri dawk li jistgħu jintużaw kemm għal finijiet ċivili u militari, kif jinsabu fil-lista tal-UE ta' oġġetti b'użu doppju (ara [Anness I tar-Regolament 428/2009](#)).

- Iffriżar tal-Assi

L-iffriżar tal-assi jikkonċerna l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn individwi jew entitajiet. Dan ifisser li fondi, bħal flus kontanti, ċekkiet, depożiti bankarji, ishma eċċ., ma jkunx hemm aċċess għalihom u ma jkunux jistgħu jiġu spustati jew mibjugħa. L-assi l-oħra tanġibbli jew intanġibbli, inkluża l-proprjetà, ukoll ma jkunux jistagħu jinbiegħu jew jinkrew.

L-iffriżar tal-assi jinkludi wkoll projbizzjoni fuq il-forniment ta' riżorsi lil entitajiet u persuni fil-mira. Dan ifisser li ċ-ċittadini u l-kumpanniji tal-UE ma jkunux jistgħu jagħmlu ħlasijiet jew ifornu oġġetti jew assi oħrajn lilhom. Effettivament, tranżazzjonijiet kummerċjali ma' kumpanniji u persuni msemmija ma jistgħux isiru b'mod legali.

F'ċerti każijiet, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jippermettu derogi mill-iffriżar tal-assi taħt eżenzjonijiet speċifiċi, pereżempju biex jiġu koperti ħtiġijiet bażiċi (bħal oġġetti tal-ikel, kera, mediċini jew taxxi) jew drittijiet legali raġonevoli.

- Projbizzjoni ta' viża jew fuq l-ivvjaġġar

Persuni li huma fil-mira ta' projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux ser jitħallew jidħlu fl-UE mill-fruntieri esterni. Jekk ikunu meħtieġa viżi biex wieħed jidħol fl-UE, dawn mhux ser jingħataw lil persuni soġġetti għal tali restrizzjonijiet fuq dħul.

Is-sanzjonijiet tal-UE qatt ma jobbligaw Stat Membru li jirrifjuta dħul liċ-ċittadini tiegħu. Jekk ċittadin tal-UE jkun soġġett għal projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar, il-pajjiż ta' orġini jrid, soġġett għad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali, jaċċetta lil dik il-persuna.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet għal projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar meta huma jospitaw organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali, konferenza tan-NU jew tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

Meta japplikaw is-sanzjonijiet tal-UE?

Min-natura tagħhom stess, is-sanzjonijiet huma mfassla biex ikollhom effetti politiċi f'pajjiżi terzi. Madankollu, miżuri restrittivi tal-UE japplikaw biss fil-ġurisdizzjoni tal-UE, jiġifieri:

- fit-territorju tal-UE, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
- għal ċittadini tal-UE, kemm jekk jinsabu fl-UE jew le;
- għal kumpanniji u organizzazzjonijiet inkorporati taħt il-liġi ta' Stat Membru, kemm jekk jinsabu fl-UE jew le. Dawn jinkludu wkoll fergħat ta' kumpanniji tal-UE f'pajjiżi terzi;
- għal kwalunkwe negozju li jkun sar fl-intier tiegħu jew parzjalment fl-Unjoni Ewropea;
- abbord inġenji tal-ajru jew bastimenti fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

L-UE ma tadottax leġislazzjoni b'applikazzjoni ekstraterritorjali bi ksur tad-dritt internazzjonali. Il-pajjiżi kandidati tal-UE huma mistiedna b'mod sistematiku sabiex jallinjaw ruħhom mal-miżuri restrittivi tal-UE.

Rimedji legali

Il-Kunsill jinnotifika lill-persuni u l-entitajiet li huma fil-mira ta' iffriżar tal-assi jew projbizzjoni fuq ivvjaġġar bil-miżuri meħuda kontribom. Fl-istess waqt, jiġbed l-attenzjoni tagħhom għar-rimedji legali disponibbli: Huma jistgħu jitolbu lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu, billi jipprovdi osservazzjonijiet fuq l-inklużjoni fil-lista. Huma jistgħu jikkontestaw il-miżuri quddiem il-Qorti Ġenerali tal-UE.
